# TRADUZZJONI TAL-"MISERERE" MINN DE SOLDANIS

Minn Ġ. CASSAR PULLICINO

L-iskop ta' din il-kitba huwa li nressaq quddiem l-istudjużi traduzzjoni bikrija tas-salm "Miserere" li tmur lura bejn wieħed u ieħor sa nofs is-Seklu Tmintax.

Nafu li dan is-salm kien wieħed minn disa' salmi maqlubin mill-Ingliż minn Dr. Cleardo Naudi (1781-1836) u li deħru stampati fil-**Ktijb yl Qari fuq Bosta Huejjeg mahtura myn Kotba Kattolici** (Malta, 1832, pp. 130-134). Barra minn dan, fl-1845 insibu traduzzjoni oħra tal-"Miserere", minn M.A. Camilleri, li kien ħalla l-Knisja Kattolika u għadda għal dik Anglikana fl-1843, fil-**Ktieb it-Talb ta' Aalenija... flimkien mas-Salterju jew is-Salmi ta' David** (Malta, 1845). Mons. K. Sant isemmi wkoll traduzzjoni ta' **Ktieb is-Salmi** li tinsab fl-Arkivju tal-Kattidral, l-Imdina, fost il-MSS ta' Mons. Fortunato Panzavecchia († 1850).[1] Iżda hawnhekk qed infakkru traduzzjoni wisq eqdem, għaliex kienet tal-Kanonku Għawdxi G.F. Agius De Soldanis (1712-1770) u tinqara sewwa sew fil-faċċati 315-316 tal-Ms. Nru. 144 tal-Bibljoteka Nazzjonali, li jġib l-isem **Nuova scuola dell'antica lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano.**

F'dan il-Ms, barra li jagħmel reviżjoni miżjuda tal-ktieb tiegħu stampat fl-1750,[2] De Soldanis jagħti ħjiel ta' xi kitbiet bil-Malti, fosthom dawk id-Djalogi li aħna konna ħriġna fl-1947.[3] Ma' dawn, fil-Lezione XLIV niltaqgħu ma' xi **Orazioni da sapersi a memoria da qualunque Cristiano Cattolico, con altre orazioni divote in lingua Maltese.** It-talbiet, mogħtijin bit-Taljan u bil-Malti, kienu l-Pater Noster, l-Ave Marija, il-Kredu, is-Salve Reġina u l-Att tal-Fidi, waqt li bil-Latin u bil-Malti naqraw il-Litanija tal-Madonna u l-Miserere.

Il-"Miserere" (Psal, 50) jinqara f'żewġ kolonni ħdejn xulxin, l-ewwel bil-Latin u ħdejh bil-Malti. Jidher ċar illi t-traduzzjoni saret mil-Latin. Ikollna ngħidu illi, għalkemm il-Ms tal-grammatika riveduta kien lest għall-istampa, De Soldanis kien għadu jtella' u jniżżel kif jaqleb għall-Malti xi versi tas-salm. Dan qed ngħiduh billi jinqraw żewġ versjonijiet tal-versi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, aktarx għax it-tradutur ma kienx ċert mit-traduzzjoni li kien għamel.

Għad li t-traduzzjoni ma fihiex mertu letterarju kbir, De Soldanis

fejn ..ta' pprova jinqeda bir-rima biex jikseb l-effetti li xtaq, għalkemm minnhom infishom is-salmi joqogħdu aktar fuq l-effett ritmiku milli fuq ir-rima. Versi li fihom tidħol ir-rima, jew l-assonanza, bejn l-ewwel u t-tieni taqsima tagħhom huma dawn: v. 1 — Mulej'a ... lejja; 4 — teġbedni ... jefredni; 6 — inħbelt ... sert; 7 — ħabbejt ... għaddejt (raddejt); 9 — ferħ ... merħ; 10 — dnubieti ... ġmiedi; 11 — sawwar ... dawwar; 12 — teħodulix ... tiħdulix; 13 — tiegħak ... miegħak; 14 — kulħadd ... qatt; 16 — dalwaqt ... kull waqt; 17 — hawn ... dawn; 18 — melwija ... tkeċċiha; 19 — emmela ... tentela.

Għedna li t-traduzzjoni m'għandhiex pretensjonijiet letterarji kbar. U lanqas għandna nistennew iżżejjed minn min kien għadu qed jibda jitħabat biex isib tifsira Maltija għal test reliġjuż. Insemmu wkoll illi xi drabi t-test Malti huwa parafrasi, u f'xi versi l-awtur jitbiegħed sewwa mil-Latin ta' l-oriġinal. Ngħidu aħna: v. 2 **dele iniquitatem meam,** 'biex teċkien el-kufrija menni'; v. 3 **amplius lava ma,** 'żid bel-ħniena u aħselni'; v. 4 **et peccatum meum contra me est semper,** 'u li dnubi mennek jefredni'; v. 9 **et exultabunt ossa humiliata,** 'biex el-għadam tiegħi jarġa' merħ'; v. 10 **averte faciem tuam,** 'elwi weċċek'; v. 14 **et impii ad te convertentur,** 'biex el-kefrin ma jetbiegħdux mennek qatt'; v. 16 **labia mea aperies,** 'xofftejja eftaħ dalwaqt'; v. 17 **si voluisses sacrificium,** 'jekk trid enqaddsek'; v. 20 — **tunc acceptabis sacrificium iustitiae, oblationes et holocausta,** 'embagħad ħaddan bel-ħaqq tas-sewwa koll ma jagħtuk'.

Għandu mnejn dan in-nuqqas kien ġej xi ftit ukoll mill-ħrara li wera De Soldanis biex ma jinqediex bi kliem Romanz. Fit-traduzzjoni kollha ma ssibx kelma waħda biss li hi ta nisel Romanz; l-unika kelma li mhix Semitika, **bl-issopu,** hija Griega. Minn erba' versi fejn tidħol il-kelma **spiritus, i.e. spiritum sanctum** (v. 12), **spiritum retum** (v. 11), **spiritu principali** (v. 13) u **spiritus contribulatus** (v. 18) fi tnejn biss, l-ewwel u l-aħħar wieħed, jaqleb l-aġġettiv i.e. **nefs tajjeb** u **ruħ melwija,** waqt li fit-tnejn l-oħra jagħti biss il-kelma **nifs.**

Karatteristika oħra ta' din it-traduzzjoni ta' De Soldanis hija l-forma djalettali tal-vokali **i,** kif insemmgħuha llum, li huwa jikteb dejjem **e,** kif naraw minn dawn l-eżempji: v. 1 — menni, belħniena; 2 — teċkien, el-kufrija menni, qabbeżli; 3 — med-dnub, aħselni eżjed; 4 — teġbedni, mennek jefredni, eżjed menn mija;

5 — essewwini bes-sewwa; 6 — bed-dnub essawwart; tweledt u sert; 7 — ent es-sewwa, lel għerfek; 8 — nendaf, eżjed mes-selġ nebjad; 9 — wednejja, el-għadam; 10 — elwi weċċek; 12 — weċċek teħedulix; 13 — b'nefsek enkun; 14 — engħallem, el-kefrin, mennek; 15 — elsieni; 16 — eftaħ; 17 enqaddsek essa, emma ent; 19 — emmela; bel-ħetan tentela; 20 — embagħad, bel-ħaqq.

Varjazzjoni oħra djalettali huma (i) l-**o** flok **u** fil-kelma **kull,** e.g. v. 16 — koll waqt; v. 20 — kollma jagħtuk; (ii) **e** flok **o,** e.g. v. 20 — għeġiela, u (iii) **u** flok **e,** e.g. v. 2 — kufrija.

Dan kollu jwassalna biex naħsbu li De Soldanis kellu f'moħħu li jqarreb kemm jista' jkun il-pronunzja tal-Malti ma' kif hu kien jaħseb li fil-qedem bejn wieħed u ieħor kienu jitkellmu fir-rħula. Fit-tieni dissertazzjoni tal-ktieb tiegħu **Della Lingua Punica presentemente usata de' Maltesi** (Roma, 1750, p. 44) huwa kien fisser il-fehma tiegħu illi **"la lingua Maltese sia Punica, fissata in Malta e Gozo (Pantallarea) da' Fenici, indi continuata da' Peni o Cartagenesi, ad esercitrarsi nel modo, e nella maniera, in cui si parla oggi da' Villani, forse in qualche picciol divario nel profferire dagli antichi le parole".** U meta, fl-istess paġna, ifisser il-kelma **villani** f'nota, kien kiteb hekk: **"La proprietà e vera pronunzia della Lingua Punica, si osserva meglio nella Ville di Malta, chiamate Casali, che nella Città principale di Malta, poichè quivi il favellar Maltese è italianizzato, e l'Italiano Maltezzato, particolarmente nella bocca delle Femmine. L'accenno si distingue da un all'altro Casale, ma non toglie la sostanza del significato delle voci".**

F'każ wieħed, ninnutaw l-użu tal-prepożizzjoni **minn** mal-verb 'ħenn' b'mod li llum ma tinstemax fl-idjomi Maltin, i.e. v. 1 — ħenn minni, u v. 19 — ħenn mill-Belt ta' Sijon. Hawnhekk għandu mnejn li De Soldanis kien influwenzat mill-forma mexxejja ta' xi talb qadim, e.g. ikollok (ġietu) ħniena minni.

Biex nagħilqu. Minkejja xi nuqqasijiet bħal dawn li semmejna u li aktarx jolqtuna llum għax il-Malti laħaq għadda daqshekk 'il quddiem fil-qlib tal-Kotba Mqaddsa, jibqa' l-fatt illi din it-traduzzjoni ta' De Soldanis għandha importanza storika u għalhekk jixraq li toħroġ għad-dawl u titqiegħed quddiem għajnejn il-qarrejja ta' lsienna u l-istudjużi tal-Kotba Mqaddsa.

Fit-traskrizzjoni li se nġibu hawn taħt, it-test Malti tal-Ms jidher

miktub bl-ortografija tal-Għaqda; iżda l-forma djalettali tal-vokali tħalliet kif inhi fl-oriġinal.

## MISERERE (Psal. 50)

| | |
|---|---|
| 1. Miserere mei, Deus, secundum magnam misericordiam tuam. | 1. Henn menni, Mulejja<br>U bel-ħniena kbira tiegħak<br>ħares lejja, |
| 2. Et secundum multitudinem miserationum tuarum dele iniquitatem meam. | 2. Bel-ħniena kbira tiegħak, tenni<br>fija biex teċkien el-kufrija menni.<br>(U bħall-kburija tal-ħniena tiegħak<br>qabbeżli l-ħżunija tiegħi). |
| 3. Amplius lava me ab iniquitate mea, et a peccato meo munda me. | 3. Żid bel-ħniena u aħselni<br>u med-dnub ent naddafni.<br>(Aħselni eżjed, u naddafni<br>mell-ħżunija u med-dnub tiegħi). |
| 4. Quoniam iniquitatem meam ego cognosco, et peccatum meum contra me est semper. | 4. Għaliex jien naf le l-kefrija teġbedni<br>u lli dnub mennek jefredni.<br>(Għaliex jien naf kemm hi kiefra l-ħżunija<br>u mid-dnub li hu eżjed menn mija). |
| 5. Tibi soli peccavi, et malum coram te feci, ut justificaris in sermonibus tuis, et vincas cum judicaris. | 5. Ġemmedt ruħi bed-dnub lilek waħdek<br>biex hekk essewwini bes-sewwa ta' kliemek.<br>(Lilek waħdek ġemmedt bed-deni<br>u hekk bes-sewwa ta' kliemek essewwini). |

| | |
|---|---|
| 6. Ecce enim in inquitatibus conceptus sum, et in peccatis concepit me mater mea. | 6. Emġemmed bed-dnub jien enħbelt,<br>u bed-dnub essawwart,<br>tweledt u sert.<br>(Jien enħbelt emġemmed<br>u bed-dnub mn'ommi<br>tweledt). |
| 7. Ecce enim veritatem dilexisti: incerta et occulta sapientiae tuae manifestasti mihi. | 7. Ent es-sewwa dejjem ħabbejt<br>ħwejjeġ ta' ġewwa l-qalb<br>lili għaddejt (raddejt).<br>(Ent es-sewwa ħabbejt,<br>ħwejjeġ moħbija lel għerfek għedthomli). |
| 8. Asperges me hyssopo, et mundabor: lavabis me, et super nivem dealbabor. | 8. Bl-issopu u biex nendaf roxxli<br>Aħselni, jen eżjed<br>mes-selġ nebjad kolli. |
| 9. Auditui meo dabis gaudium et laetitiam, et exultabunt ossa humilitata. | 9. Agħti lel wednejja hena u el-ferħ<br>biex el-għadam tiegħi<br>jarġa' merħ. |
| 10. Averte faciem tuam a peccatis meis, et omnes iniquitates meas dele. | 10. Elwi weċċek menn dnubieti<br>Barra menni qabbeż<br>ġmiedi. |
| 11. Cor mundum crea in me, Deus: et spiritum rectum innova in visceribus meis. | 11. Mulejja, qalb bajda fija sawwar<br>U nefs tajjeb ma' ħwiexi<br>dawwar. |
| 12. Ne projicias me a facie tua, et Spiritum Sanctum tuum ne auferas a me. | 12. Weċċek teħedulix<br>U nefsek teħdulix. |
| 13. Redde mihi laetitiam salutaris tui: et spiritu principali confirma me. | 13. Roddli sidi l-ferħ tiegħak<br>Biex b'nefsek enkun<br>miegħak. |

| | |
|---|---|
| 14. Docebo iniquos vias tuas, et impii ad te convertentur. | 14. Triqtek engħallem 'el kulħadd<br>biex el-kefrin ma jitbiegħdux mennek qatt. |
| 15. Libera me de sanguinibus, Deus, Deus, salutis meae: et exsultabit lingua mea justitiam tuam. | 15. Alla tal-qalb, mell-kefrin aħlesni<br>biex dejjem ikabbar ħaqqek elsieni. |
| 16. Domine, labia mea aperies: et os meum annuntiabit laudem tuam. | 16. Sidi, xofftejja eftaħ dalwaqt<br>U fommi jfaħħrek koll waqt. |
| 17. Quoniam si voluisses sacrificium, dedissem utique: holocaustis non delectaberis. | 17. Jekk trid enqaddsek essa jien hawn,<br>Emma ent ma tridx dawn. |
| 18. Sacrificium Deo spiritus contribulatus: cor contritum et humilitatum, Deus, non despicies. | 18. Ruħ, o Alla, melwija,<br>Qalb magħsura qatt la tkeċċiha (tkeċċiha). |
| 19. Benigne fac, Domine, in bona voluntate tua Sion, ut aedificantur muri Jerusalem. | 19. Henn mell-Belt ta' Sijon, emmela,<br>Biex Ġerusalemm bel-ħetan tentela. |
| 20. Tunc acceptabis sacrificium justitiae, oblationes et holocausta: tuno imponent super altare tuum vitulos. | 20. Embagħad ħaddan bel-ħaqq tas-sewwa koll ma jagħtuk<br>Għaliex hekkda l-għoġiela taraw ġewwa l-knisja. |

**NOTI**

1. Mons. K. SANT, **It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850.** The Royal University of Malta, 1975, p. 31.
2. G.P.F. AGIUS DE SOLDANIS, **Della Lingua Punica presentemente usata da Maltesi** ... Roma, 1750
3. **Il-Djalogi ta' De Soldanis,** bi studju storiku-soċjali ta' G. Cassar-Pullicino. Meħud minn "Il-Malti", ta' Settembru, 1947, p. 29.